**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 t'Ottubru 2017**

**Talba Nru: 390/17 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs.**

**Karl Damato**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-28 t'Awwissu 2017 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disa' mija u sitt Euro u

sebgha w erbghin centezmu (€906.47) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 55139975.

Illi l-imsemmija servizzi gew kuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd., liema socjeta' giet, b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015, amalgamata fis-socjeta' GO p.l.c.

Illi nterpellat sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 1619/16, u bl-imghaxijiet legali mill-10 t'Awwissu 2016, data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Maryanne Camilleri, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut parzjalment mill-konvenut, u cioe' huwa issa dovut l-ammont ta' seba' mija u hamsa w sebghin Euro u tmintax-il centezmu (€775.18).

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' disa' mija u sitt Euro u sebgha w erbghin centezmu (€906.47) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 55139975.

2. Illi x-xhud Maryanne Camilleri ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici issa huwa ta' seba' mija u hamsa w sebghin Euro u tmintax-il centezmu (€775.18).

3. Illi fil-fatt permezz ta' nota prezentata fid-9 t'Ottubru 2017, is-socjeta' attrici naqqset l-ammont pretiz ghal dak ta' seba' mija u hamsa w sebghin Euro u tmintax-il centezmu (€775.18).

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenut giet debitament notifikat u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fid-9 t'Ottubru 2017 u l-25 t'Ottubru 2017.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa w sebghin Euro u tmintax-il centezmu (€775.18) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur